Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fit-8 ta’ Settembru 2016 [1]

**Kawża C-365/15**

**Wortmann KG Internationale Schuhproduktionen**
**vs**
**Hauptzollamt Bielefeld**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (qorti tal-finanzi ta’ Düsseldorf, il-Ġermanja)]

“Unjoni doganali u tariffa doganali komuni — Rimbors ta’ dazji fuq l-importazzjoni — Nullità tar-regolament li jistabbilixxi dazju antidumping — Validità tal-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali — Applikabbiltà tal-Kodiċi Doganali — Obbligu ta’ pagament ta’ interessi”

1. Wara li ġie annullat ħlas ta’ dazji antidumping fuq l-importazzjoni ta’ żraben li ġejjin miċ-Ċina u mill-Vjetnam, minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-invalidità tar-regolament li stabbilixxihom [2], l-amministrazzjoni doganali Ġermaniża ħallset lura l-ammont imħallas indebitament mill-impriża ta’ importazzjoni. Din l-istess amministrazzjoni, madankollu, irrifjutat li l-ammont imħallas lura jiġi miżjud bl-interessi, mitluba minn din l-impriża li jibdew jiddekorru mid-data tal-pagament tal-ammont prinċipali.

2. It-tilwima bejn l-importatriċi u l-amministrazzjoni doganali Ġermaniża għandha tiġi riżolta mill-Finanzgericht Düsseldorf (qorti tal-finanzi ta’ Düsseldorf, il-Ġermanja), li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta’ deċiżjoni preliminari, tagħti interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw dan is-suġġett.

3. F’dan il-każ, l-amministrazzjoni doganali rrifjutat li tħallas l-interessi mitluba billi invokat l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], moqri flimkien mal-leġiżlazzjoni nazzjonali skont liema dawn l-interessi jibdew jiddekorru mid-data li fiha jintalbu legalment. Skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, l-applikazzjoni konġunta taż-żewġ dispożizzjonijiet tipprovdi bażi għar-rifjut tagħhom li jilqgħu t-talba tal-importatur.

4. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ssostni b’mod konsistenti u bħala prinċipju ġenerali li, jekk l-amministrazzjoni jkollha tħallas lura l-ammonti li tkun ġabret bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, is-somom imħallsa lura għandhom jiġu miżjuda bl-interessi korrispondenti, mid-data tal-pagament indebitu. L-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali, madankollu, jeskludi (b’ċerti sfumaturi) il-pagament ta’ interessi meta l-awtoritajiet doganali jkollhom iħallsu lura d-dazji fuq l-importazzjoni.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1472/2006, tal-5 ta’ Ottubru 2006, jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta’ ċerti tipi ta’ lbies għar-riġlejn bil-parti ta’ fuq tal-ġilda li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Vjetnam (ĠU L 352M, p. 485).

3 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta’ Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (iktar ’il quddiem, “Kodiċi Doganali”) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307).

5. It-tensjoni bejn ir-regola ġenerali (favur il-pagament tal-interessi) u d-dispożizzjoni speċifika (kontra dan il-pagament) kienet il-punt ċentrali tal-parti l-kbira tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, li fil-kuntest tagħha tqajmet l-invalidità tal-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali, minħabba l-eventwali inkompatibbiltà tiegħu ma' prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

6. Il-kontroversja ġġib eki ta' dibattitu li jmur lura sekli fl-istorja tal-interessi legali, jiġifieri, dawk li ma ġewx miftiehma bejn il-partijiet, iżda li ġew imposti mil-liġi. It-traċċi tal-framment antik tal-ktieb ta' Paulo fuq l-interessi, *Fiscus ex suis contractibus usuras non dat, sep ipse accipit*[4], miġbur fid-Digest, donnhom għadhom jinħassu fit-testi legali li japplikaw din id-distinzjoni antika, skont jekk l-obbligi jkunux favur jew kontra t-Teżor.

## I – **Il-kuntest ġuridiku** *Id-dritt tal-Unjoni*

### Il-Kodiċi Doganali

7. Skont l-Artikolu 236(1):

"Dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni għandhom jitħallsu lura sakemm jiġi stabbilit li meta kien tħallas l-ammont ta' dawk id-dazji ma kienx legalment dovut jew li dak l-ammont iddaħħal fil-kontijiet bi ksur ta' l-Artikolu 220(2).

[...]"

8. Skont l-Artikolu 241:

"Ħlas lura mill-awtoritajiet kompetenti ta' ammonti ta' dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni jew ta' imgħax ta' kreditu jew imgħax fuq arretrati miġbura fuq il-ħlas ta' dawk id-dazji m'għandux jagħti lok għall-ħlas ta' imgħax minn dawk l-awtoritajiet. Iżda, l-imgħax għandu jitħallas:

— fejn deċiżjoni li tilqa' talba għall-ħlas lura ma tiġix implimentata fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni;

— fejn dispożizzjonijiet nazzjonali jistipulaw hekk.

[...]"

### Ir-Regolament Nru 1472/2006

9. Skont l-Artikolu 1(1) u (4):

"1. Dazju *anti-dumping* definittiv huwa b'dan impost fuq l-importazzjoni ta' l-ilbies għar-riġlejn bil-partijiet ta' fuq tal-ġilda jew kompożizzjoni tal-ġilda, barra l-ilbies tar-riġlejn għall-isports, l-ilbies għar-riġlejn li jinvolvi teknoloġija speċjali, papoċċi u lbies għar-riġlejn oħrajn ta' ġewwa, u lbies għar-riġlejn li fih maskretta protettiva, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Vjetnam u li jinstabu fi ħdan il-kodiċi [tan-Nomenklatura Magħquda]: [...]

[...]

4 — It-Teżor ma jħallasx interessi fuq il-kuntratti tiegħu, iżda jirċevihom, *f Liber singularis de usuris*, Paulus, D.22.1.17.5. Il-kelma kuntratti, f'dan il-kuntest, għandha t-tifsira ta' relazzjonijiet obbligatorji, kif muri mill-bqija tas-sentenza ta' Paulo.

4. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li hemm fis-seħħ rigward id-dazji doganali."

*Id-dritt Ġermaniż: l-Abgabenordnung (liġi fiskali Ġermaniża, iktar 'il quddiem, l-"AO")*

10. Skont l-Artikolu 1(1) u (3):

"1. Din il-liġi għandha tapplika għat-taxxi kollha, inklużi r-rimborsi tat-taxxa, irregolati mid-dritt federali jew mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, sa fejn ikunu ġestiti mill-amministrazzjoni federali tal-finanzi jew l-amministrazzjoni reġjonali tal-finanzi, u hija tapplika biss mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni Ewropea […].

3. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-obbligi fiskali l-oħra mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni Ewropea […]"

11. L-Artikolu 3(3) u (4) jipprevedi:

"3. Id-dazji fuq l-importazzjoni u fuq l-esportazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 4(10) u (11) tal-Kodiċi Doganali, huma kkunsidrati taxxi fis-sens ta' din il-liġi.

4. Imposti fiskali oħra għandhom jinftiehmu bħala l-[…] interessi (Artikoli 233 sa 237), […] u l-interessi fis-sens tal-Kodiċi Doganali […]"

12. L-Artikolu 37(1) u (2) jipprevedi:

"1. Id-dazji li ġejjin minn dejn fiskali jinkludu […] l-applikazzjoni għal ħlas lura skont il-paragrafu 2 […].

2. Meta tkun ġiet imħallsa jew irrimborsata taxxa jew miżata […] mingħajr bażi legali, il-persuna li jkun sar il-ħlas f'isimha jkollha dritt għal rifużjoni tad-dritt għal ħlas lura tal-ammont imħallas jew irrimborsat […] fil-konfront tal-benefiċjarju tal-pagament."

13. L-Artikolu 233 jipprevedi:

"Id-dazji li ġejjin minn dejn fiskali (l-Artikolu 37) jipproduċu mgħax biss meta dan ikun previst mil-liġi […]"

14. Skont l-Artikolu 236(1):

"1. Meta, permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva, jew abbażi ta' tali deċiżjoni, isir tnaqqis ta' taxxa stabbilita jew rimbors fiskali, l-interessi fuq l-ammont li għandu jiġi mħallas lura jew irrimborsat għandhom jiġu kkalkolati mid-data tal-*lis pendens* sad-data tal-ħlas, ħlief fil-każ imsemmi fil-paragrafu 3 […]"

## II – **Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

15. Matul is-snin 2006 sa 2012, Wortmann KG Internationale Schuhproduktionen (iktar 'il quddiem, "Wortmann") qiegħdet f'ċirkulazzjoni ħielsa, f'isimha stess, il-merkanzija tas-sussidjarji tagħha maħżuna f'maħżen doganali. Dawn kienu jikkonsistu fi żraben b'uċuħ tal-ġilda, li ġejjin mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Vjetnam, mixtrija mill-fornitur Brosmann Footwear (HK) Ltd (iktar 'il quddiem "Brosmann") u mill-manifattur Seasonable Footwear (Zhong Shan) Ltd. (iktar 'il quddiem "Seasonable").

16. Il-Hauptzollamt Bielefeld (uffiċċju doganali ta' Bielefeld, il-Ġermanja) impona dazji antidumping fuq Wortmann skont ir-Regolament Nru 1472/2006. Din il-kumpannija, fuq il-bażi ta' żewġ kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (appelli C-247/10 P[5] u C-249/10 P[6]), mit-22 ta' Lulju 2010 ippreżentat diversi applikazzjonijiet għal rimbors tad-dazji antidumping imħallsa mill-2006.

17. Fis-sentenza Brosmann[7], il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament Nru 1472/2006 "sa fejn jikkonċerna Brosmann Footwear (HK) Ltd, Seasonable Footwear (Zhongshan) Ltd, […]".

18. Fid-dawl ta' din is-sentenza, permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' April 2013, l-Uffiċċju Doganali ta' Bielefeld irrimborsa lil Wortmann id-dazji antidumping imħallsa għas-snin 2007 (EUR 61895.49) u 2008 (EUR 92870.62).

19. Fid-29 ta' Novembru 2013, Wortmann talbet l-interessi marbuta ma' kull wieħed mir-rimborsi, ikkalkolati mill-mument li fih tħallsu d-dazji antidumping. L-amministrazzjoni ċaħdet din it-talba għar-raġuni li ma kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali: ma kienx hemm id-dewmien ta' tliet xhur fl-eżekuzzjoni tar-rimbors mogħti u, skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża, l-interessi bdew jgħoddu mid-data tal-preżentata tar-rikors ġudizzjarju.

20. Il-Finanzgericht Düsseldorf (qorti tal-finanzi ta' Düsseldorf), li quddiemha ġie kkontestat ir-rifjut tal-għoti ta' interessi, tqis li, bħala prinċipju, il-ħlas tagħhom ma huwiex applikabbli, skont l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali, peress li t-talba tar-rikorrenti tista' tkun ibbażata biss fuq id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, li jirrikonoxxu biss id-dritt li jintalbu l-interessi li jirriżultaw minn obbligu fiskali mid-data li fiha tressqet kawża (l-Artikoli 233 u 236 tal-AO).

21. Il-Finanzgericht Düsseldorf (qorti tal-finanzi ta' Düsseldorf), madankollu, għandha dubji dwar jekk dan ir-rifjut huwiex kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont liema d-dritt għar-rimbors lura ma huwiex limitat għat-taxxi indebitament miġbura, iżda jkopri wkoll l-ammonti mħallsa lil dan l-Istat jew miżmuma minnu b'relazzjoni diretta ma' din it-taxxa. Dan japplika, b'mod speċifiku, għat-telf ikkostitwit min-nuqqas ta' disponibbiltà ta' somom ta' flus, minħabba t-taxxa li ġiet imposta b'mod prematur[8]. Għalhekk, skont id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jirrimborsaw it-taxxi miġbura bi ksur ta' dan id-dritt, bl-interessi.

22. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 241 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt nazzjonali msemmi minnu għandu wkoll jipprevedi, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, għall-pagament ta' interessi fuq id-dazji fuq l-importazzjoni mħallsa lura għall-perijodu bejn id-data tal-pagament ta' dawn id-dazji u d-data tal-ħlas lura tagħhom, anki fil-każijiet fejn id-dritt għal ħlas lura ma kienx is-suġġett ta' talba quddiem qorti nazzjonali?"

5 — Sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Zhejiang Aokang Shoes vs Il-Kunsill (EU:C:2012:710).

6 — Sentenza tat-12 ta' Frar 2012, Brosmann Footwear (HK) *et* vs Il-Kunsill (C-249/10 P, iktar 'il quddiem, is-"sentenza Brosmann, " EU:C:2012:53).

7 — Kawża Brosmann Footwear (HK) *et* vs Il-Kunsill (C-249/10 P, EU:C:2012:53).

8 — Sentenza tat-18 ta' April 2013, Irimie (C-565/11, EU:C:2013:250, punti 20 *et seq*).

## III – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-argumenti tal-partijiet**

### A – *Il-proċedura*

23. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Lulju 2015.

24. Saru osservazzjonijiet bil-miktub, fit-terminu stabbilit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn Wortmann, l-Uffiċċju Doganali ta' Bielefeld, il-Gvernijiet tal-Ġermanja u l-Italja kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

25. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 24 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-qorti ddeċidiet li tibgħat lill-Kunsill domanda sabiex tingħata risposta bil-miktub, fejn stednitu jiddikjara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-validità tal-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont liema l-prinċipju tal-obbligu tal-Istati Membri li jħallsu lura bl-interessi l-ammonti tat-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn dan id-dritt [9]. Il-Kunsill irrisponda għal din id-domanda fit-2 ta' Mejju 2016.

26. Fit-13 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat id-dokumentazzjoni marbuta mal-proċedura ta' tfassil tar-Regolament (KEE) Nru 1854/89 [10], sabiex din tiġi kkomunikata lill-partijiet u tiġi diskussa, kif seħħ matul is-seduta.

27. Ladarba ġiet indikata d-data ta' din is-seduta, il-partijiet ġew imħeġġa, skont l-Artikolu 61(2), tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiffokaw l-argumenti tagħhom fuq il-possibbiltà li l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali jiġi kkonċiljat mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġustizzja ċċitata fid-domanda mibgħuta lill-Kunsill kif ukoll, fejn xieraq, fuq il-kwistjoni tal-validità ta' din id-dispożizzjoni.

28. Fil-25 ta' Mejju 2016, saret is-seduta, u fiha dehru Wortmann, l-Uffiċċju Doganali ta' Bielefeld, il-Gvern tal-Ġermanja, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill.

### B – *Sommarju tal-osservazzjonijiet tal-partijiet*

29. Wortmann tqis li l-obbligu ta' ħlas tal-interessi bħala korollarju għall-annullament tar-Regolament 1472/2006 permezz tas-sentenza Brosmann ma jirriżultax ir-riżultat mill-applikazzjoni tal-Kodiċi Doganali, iżda direttament mid-dritt primarju tal-Unjoni; b'mod iktar partikolari, minn naħa, minn prinċipju ġenerali żviluppat u stabbilit fil-ġurisprudenza mill-Qorti tal-Ġustizzja u, min-naħa l-oħra, mill-qari ta' din is-sentenza flimkien mal-Artikolu 266 TFUE, li minnu jirriżulta dritt għall-eliminazzjoni tal-konsegwenzi kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' att li jkun ġie ddikjarat illegali mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'effett *ex tunc*.

30. Wortmann issostni li hija l-benefiċjarju dirett tas-sentenza Brosmann, bħala importatriċi taż-żraben ipprovduti mill-fornituri tagħha Brosmann u Seasonable, u li l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, jimponi l-ħlas lura integrali, bl-interessi, tad-dazji antidumping miġbura indebitament li kienu s-suġġett ta' din is-sentenza, peress li huma riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea miġbura mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

9 — Komunikazzjoni tas-6 ta' April 2016.

10 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1854/89, tal-14 ta' Ġunju 1989, dwar l-akkwist u l-kundizzjonijiet ta' ħlas tal-ammonti tad-dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni li jirriżultaw minn dazji doganali (ĠU 1989, L 186, p. 1).

31. Fil-qosor, Wortmann tissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi lill-qorti *a quo* li l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali ma huwiex applikabbli u li importatur li jkun ħallas dazji antidumping, fuq il-bażi ta' regolament li ġie annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja, huwa intitolat għall-ħlas lura tal-ammonti mħallsa, kif ukoll għall-pagament tal-interessi fuqhom, ikkalkolati mid-data tal-pagament ta' dawn id-dazji sad-data tal-ħlas lura integrali tagħhom. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali huwa applikabbli, hija tipproponi li dan jiġi interpretat fis-sens li d-dritt nazzjonali, li għalih jirreferi dan l-artikolu, għandu jipprovdi għall-pagament tal-interessi fuq id-dazji fuq l-importazzjoni mħallsa lura, anki jekk ma jkunx sar rikors quddiem il-qorti nazzjonali.

32. Skont l-Uffiċċju Doganali ta' Bielefeld, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni, l-ebda waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali ma hija ssodisfatta fil-kawża prinċipali. Din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni teskludi l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' effettività, minkejja li tagħti lill-Istati Membri s-setgħa li jistabbilixxu sistema differenti, bħala eċċezzjoni mir-regola ġenerali tal-assenza ta' obbligu ta' pagament ta' interessi.

33. B'mod partikolari, l-Uffiċċju Doganali ta' Bielefeld iqis li l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali ma jistax jiġi interpretat fis-sens li d-dritt nazzjonali, li jsir riferiment għalih, għandu neċessarjament jipprevedi l-pagament tal-interessi fuq l-ammonti mħallsa lura bħala dazji fuq l-importazzjoni mhux dovuti.

34. Il-Gvern Ġermaniż isostni teorija simili għal dik tal-Uffiċċju Doganali ta' Bielefeld, u jafferma, ukoll, li r-risposta negattiva għad-domanda preliminari hija kkorroborata permezz tar-raġunijiet li ġejjin:

— il-Kodiċi Doganali l-ġdid [11] iħassar l-eċċezzjoni rigward l-eventwali regoli previsti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, li jillimita iktar il-possibbiltà li jiġu riċevuti interessi fil-każ ta' rimbors.

— l-esklużjoni tal-pagament ta' interessi prevista fl-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali, hija ġġustifikata mill-mekkaniżmu ta' pagament inizjali tad-dazji doganali, li jippermetti d-disponibbiltà immedjata tal-merkanzija sabiex tiġi kkummerċjalizzata.

35. Il-Gvern Taljan jikkunsidra li kwalunkwe ħlas lura ta' somom mhux dovuti jeħtieġ talba minn qabel, b'tali mod li l-interessi jistgħu jiġu rrikonoxxuti biss mid-data ta' din it-talba. Regola nazzjonali li tipprovdi dan ma tmurx kontra d-dritt tal-Unjoni. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Littlewoods Retail *et* u Irimie [12] ma tirriżultax applikabbli għal din il-kawża, peress li din tikkonċerna dazji antidumping dovuti skont regolament tal-Kunsill validu u effettiv b'mod sħiħ fiż-żmien tal-pagament li, wara ġie annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa jżid li, sabiex jiġi vverifikat jekk l-effetti tas-sentenza Brosmann kinux jaffettwaw lil Wortmann, l-awtoritajiet Ġermaniżi kellhom jevalwaw iċ-ċirkustanzi partikolari ta' dik il-kumpannija, b'tali mod li t-talba għal rimbors tad-dazji mħallsa kienet ta' natura kostituttiva tad-dritt għal rimbors.

36. Fl-aħħar nett, il-Gvern Taljan jenfasizza li l-ksur li jiġġenera d-dritt għal rimbors f'din il-kawża ma huwiex attribwibbli lill-Istati Membri, iżda lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Għalhekk, huwa jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja, jekk tiddeċiedi li tapplika l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Irimie [13], tiddikjara li l-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta rikors kontra l-istituzzjoni Ewropea responsabbli, sabiex jitlob ir-rimbors tal-ispejjeż anċillari li huwa allegatament ġarrab.

11 — Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Ottubru 2013, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1), Artikolu 116(6).

12 — Sentenzi tad-19 ta' Lulju 2012, Littlewoods Retail *et* (C-591/10, EU:C:2012:478), u tat-18 ta' April 2013, Irimie (C-565/11, EU:C:2013:250).

13 — Sentenza tat-18 ta' April 2013 (C-565/11, EU:C:2013:250).

37. Il-Kummissjoni żżid, mal-argumenti msemmija hawn fuq, li għandha ssir distinzjoni bejn interessi kumpensatorji u interessi moratorji, u għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-projbizzjoni ta' arrikkiment indebitu. Hija tqis li l-ġurisprudenza dwar id-dritt li jintalab il-pagament tal-interessi [14] ġiet żviluppata f'kawżi fejn regola nazzjonali kienet kisret id-dritt tal-Unjoni u, barra minn hekk, ir-rikorrenti kienu pprovaw id-danni li ġarrbu. Il-pagament ta' interessi kumpensatorji, li jkun dak xieraq għal din il-kawża, jimplika prova konkreta tad-dannu mġarrab mill-persuna li titlobhom.

38. Sussidjarjament, il-Kummissjoni tafferma li Wortmann ma tistax tinvoka l-Artikolu 266 TFUE insostenn tat-talbiet tagħha, peress li: a) ma pparteċipatx fil-proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni li wasslet għas-sentenza Brosmann u b) l-interessi moratorji dovuti skont l-Artikolu 266 TFUE japplikaw biss minn meta tingħata dik is-sentenza. F'dak li jirrigwarda l-interessi kumpensatorji, il-metodu li bih jintalbu għandu jkun il-preżentata ta' rikors għad-danni mhux kuntrattwali kontra l-Kunsill u l-Kummissjoni.

39. Fir-rigward tal-eventwali ksur ta' regoli ta' livell superjuri mill-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali [15], il-Kummissjoni tenfasizza li l-qorti nazzjonali ma ddubitatx il-validità ta' dan tal-aħħar. Hija tqis ukoll li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa diskrezzjonali li huwa ma qabiżx, peress li n-nuqqas ta' rikonoxximent tad-dritt għall-interessi fuq l-ammonti mħallsa żejda jippreżupponi bilanċ ġust: l-importatur igawdi mid-disponibbiltà immedjata tal-merkanzija filwaqt li jaċċetta, b'korrispettiv, li ma jirċevix interessi għal eventwali ammonti li jkunu tħallsu żejda.

40. Skont il-Kummissjoni, jekk il-Qorti tiddeċiedi li għandhom jitħallsu interessi fuq l-ammonti rrimborsati, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni: a) li d-dritt għall-ħlas ta' interessi kumpensatorji jeħtieġ prova ta' dannu jew ħsara reali, assenti f'dan il-każ peress li l-importatur, bħala regola ġenerali, jgħaddi l-ammont tad-dazju antidumping fuq ix-xerrej; b) l-amministrazzjoni konvenuta tista' topponi l-eċċezzjoni ta' arrikkiment indebitu tal-importatur [16]; u c) fl-assenza ta' regoli tal-Unjoni, huwa d-dritt nazzjonali li għandu jirregola l-kwistjonijiet anċillari kollha li jirrigwardaw l-ħlas lura ta' taxxi riċevuti indebitament, inkluż il-ħlas ta' interessi, ir-rata tagħhom u d-data li minnha għandhom jiġu kkalkolati.

41. Finalment, skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali jeskludi l-ħlas ta' interessi kumpensatorji fil-każ ta' ġbir indebitu ta' dazji antidumping, sakemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprevedix dan id-dritt. Tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma għandhiex neċessarjament tissodisfa l-obbligu li jitħallsu l-interessi fuq id-dazji fuq l-importazzjoni mħallsa lura, matul il-perijodu li jibda mid-data tal-ħlas ta' dawn id-dazji sa dik tar-rimbors tagħhom, jekk ma jkunx hemm talba ġudizzjarja minn qabel.

42. Il-Kunsill jiddefendi l-validità tal-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali billi jibbaża ruħu fuq il-ġenesi storika tiegħu. Huwa jargumenta li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fid-deċiżjoni tar-rinviju ma hijiex applikabbli f'dan il-każ, peress li tikkontempla sitwazzjonijiet li ma humiex rregolati mid-dritt tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, f'din il-proċedura hemm dispożizzjoni espliċita dwar il-kalkolu tal-interessi, l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali, li jirrifletti l-bilanċ li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea xtaq iżomm bejn l-awtoritajiet doganali u l-importaturi. Sussidjarjament, huwa jipproponi interpretazzjoni tal-Artikolu 241 konformement mad-dritt primarju, sabiex wieħed jikkonkludi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom jipprevedu l-pagament ta' tali interessi.

14 — Sentenzi tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et* (C-397/98 u C-410/98, EU:C:2001:134, punti 83 u 87 sa 95); tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimant in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774, punti 197 sa 220); tad-19 ta' Lulju 2012, Littlewoods Retail *et* (C-591/10, EU:C:2012:478, punti 22 sa 34); u tat-18 ta' April 2013, Irimie (C-565/11, EU:C:2013:250, punti 16 sa 29).

15 — Waqt is-seduta, il-Kummissjoni argumentat favur il-validità tal-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali, u rreferiet għall-abbozzar tiegħu u għall-kundizzjonijiet li taħthom, fl-opinjoni tagħha, joriġina l-obbligu tal-ħlas tal-interessi, fosthom il-ħtieġa li tingħata prova tad-dannu. Hija aċċettat li, finalment, huwa possibbli li dan l-artikolu jiġi interpretat skont id-dritt tal-Unjoni.

16 — Sentenza tad-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio (199/82, EU:C:1983:318), punt 13.

## IV – **Evalwazzjoni**

43. L-ewwel nett għandu jitneħħa kwalunkwe dubju dwar ir-relazzjoni tal-Kodiċi Doganali ma' din il-kawża. Minn naħa, ir-Regolament Nru 1472/2006, meta jistabbilixxi dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet taż-żraben, irrefera b'mod espliċitu għal dan il-kodiċi[17]. Min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmu tal-ħlas tad-dazji antidumping huwa bbażat, essenzjalment, fuq l-istruttura tal-ħlas tad-dazji doganali[18], b'tali mod li dawn, għalkemm huma distinti mid-dazji doganali, fir-realtà, ma jistgħux jiġu sseparati mill-Kodiċi Doganali[19].

44. Nemmen ukoll li din il-kwistjoni hija riżolta impliċitament mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[20], skont liema l-Kodiċi Doganali jipprovdi linji gwida għar-rimbors tad-dazji antidumping.

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tliet għażliet fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali f'dan il-każ. L-ewwel waħda tiffavorixxi l-interpretazzjoni "lineari" tiegħu, fejn bħala riżultat tiegħu r-regola ġenerali tipprevali (jiġifieri, l-esklużjoni tal-pagament ta' interessi), u għalhekk ma teżisti l-ebda waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet stabbiliti fih. It-tieni waħda tissuġġerixxi li jiġi ddikjarat li, preċiżament minħabba li hija tipprojbixxi l-pagament ta' interessi minbarra r-rimbors tal-ammont prinċipali, ir-regola li tinsab f'din id-dispożizzjoni tmur kontra prinċipju bażiku tad-dritt tal-Unjoni u, għalhekk, hija invalida. It-tielet waħda hija favur qari sfumat tal-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu s-sitwazzjonijiet, bħal dik f'dan il-każ, fejn ir-rimbors tad-dazji antidumping jiġi impost minħabba dikjarazzjoni minn qabel ta' nullità tal-att legali li kien stabbilixxihom.

46. Għar-raġunijiet li ser nesponi sussegwentement, inqis li t-tielet għażla hija l-iktar waħda adattata għaċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża. L-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali jirregola s-sitwazzjonijiet "ordinarji" li fihom jiġi annullat ħlas (inkluż dak tad-dazji antidumping) minħabba żbalji li jaffettwaw l-elementi konkreti tad-dejn doganali[21]. Madankollu, fil-fehma tiegħi, huwa ma jkoprix l-ipoteżi li fihom il-ħlas lura tas-somom imħallsa indebitament mill-importaturi jkun ir-riżultat tal-annullament tar-regolament li kien jipprevedi l-obbligu li jsiru dawn il-pagamenti.

47. Sabiex jintwerew ir-raġunijiet li hija bbażata fuqhom ir-regola ġenerali (li tipprekludi l-ħlas ta' interessi fuq ir-rimbors tad-dazji doganali), naħseb li huwa xieraq li tiġi eżaminata l-ġenesi tad-dispożizzjoni, fid-dawl tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u li kienet is-suġġett ta' kontestazzjoni waqt is-seduta.

48. Jista' jiġi kkonstatat, konformement ma' din id-dokumentazzjoni, li l-oriġini tal-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali tinsab fl-Artikolu 17a tar-Regolament (KEE) Nru 1430/79[22], inkorporat mill-Artikolu 25(3) tar-Regolament Nru 1854/89. Is-sitt premessa ta' dan ir-regolament imsemmi l-aħħar, skont l-abbozz imfassal mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kwistjonijiet Ekonomiċi tal-Kunsill,

17 — Ara l-Artikolu 14(4) tar-Regolament Nru 1472/2006, riprodott fil-punt 9.

18 — Fil-każ konkret tad-dazji previsti mir-Regolament Nru 1472/2006, huma ġew stabbiliti bħala perċentwali fuq id-dazji doganali. L-istadju preċedenti, għalhekk, l-applikazzjoni għall-valur doganali tar-rata korrispondenti sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tad-dazji doganali. Imbagħad, dan l-ammont tiżdied il-perċentwali li tikkorrispondi għad-dazju antidumping (Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 1472/2006).

19 — L-espressjoni formali tad-dazju antidumping hija bbażata fuq in-nomenklatura tal-kodifikazzjoni unifikata doganali, biż-żieda ta' erba' karattri alfanumeriċi mal-kodiċijiet tan-nomenklatura magħquda (kodiċi Taric addizzjonali). Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382) jirreferi għall-hekk imsejħa "sub-titoli Taric" u jirreferi għall-Anness II, li fil-punt 4 tiegħu jissemmew id-dazji antidumping.

20 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Ikea Wholesale (C-351/04, EU:C:2007:547); tal-14 ta' Ġunju 2012, CIVAD (C-533/10, EU:C:2012:347); u tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74). F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dazji antidumping imħallsa taħt regolament iddikjarat invalidu ma jkunux dovuti legalment, fis-sens tal-Artikolu 236(1) tal-Kodiċi Doganali, u li għandu jiġi interpretat l-Artikolu 236(2) tal-Kodiċi msemmi, peress li huwa rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk kellux ikun hemm ħlas lura jew le.

21 — Waqt is-seduta, il-Kummissjoni ddeskrivithom bħala "żbalji tekniċi".

22 — Regolament tal-Kunsill, tat-2 ta' Lulju 1979, dwar il-ħlas lura jew il-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni (ĠU 1979, L 175, p. 1).

fil-laqgħat tal-11 u t-12 ta' Marzu 1986, kien fiha żewġ frażijiet li tħassru b'rettifika tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 1988, li adottat ir-redazzjoni finali [23]. Madankollu, minkejja t-tneħħija ta' dawn il-frażijiet, jirriżulta li l-għan tar-regola kienet li tiġi stabbilita ċerta simetrija bejn is-sitwazzjoni tal-operaturi u dik tal-amministrazzjoni doganali, rigward il-kalkolu ta' interessi, meta ħlas inizjali kellu jiġi sussegwentement emendat, b'xi mod jew ieħor, minħabba żbalji li setgħu saru, minħabba l-urġenza tas-sistema tal-isdoganament.

49. Il-kliem ta' din il-premessa, li jitfa' dawl fuq it-tifsira vera tad-dispożizzjoni, iqiegħed lill-partijiet ikkonċernati f'pożizzjoni raġonevoli ta' bilanċ. L-iżvolġiment tal-proċedura ta' ffissar inizjali tad-dejn doganali għandu bażi tant fraġli li tiġġustifika li, jekk dan id-dejn ikollu jiġi kkoreġut *a posteriori* kemm minħabba eċċess jew minħabba nuqqas, la l-amministrazzjoni u lanqas il-persuna taxxabbli ma jkunu obbligati, bħala regola ġenerali, iħallsu interessi matul il-perijodu interim (qasir).

50. Il-Kummissjoni stess tammetti li, f'ċerti każijiet, l-awtorità doganali ma tispezzjonax il-merkanzija qabel ma tirrilaxxaha, u huwa biss wara li twettaq kontroll tar-regolarità tal-importazzjonijiet. Jekk, f'dan iż-żmien sussegwenti jkollu jsir ħlas ġdid, jista' jirriżulta minn dan kemm li l-importatur ikollu jħallas is-somom li sa dakinhar ikunu għadhom ma tħallsux (ħlas inizjali insuffiċjenti), kif ukoll li l-amministrazzjoni jkollha tirrimborsa l-ammont żejjed riċevut; fiż-żewġ każijiet, mingħajr interessi.

51. Dan il-prinċipju bbilanċjat, li jindirizza l-prattika abitwali tar-rilaxx tal-merkanzija f'termini mnaqqsa, jiġi inkorporat fil-Kodiċi Doganali, u jiġi rifless fir-regola ġenerali tal-Artikolu 241 u fi kwalunkwe dispożizzjoni oħra. B'mod speċifiku, l-Artikolu 232(1)(b) jipprovdi għall-ħlas ta' interessi moratorji mid-debitur meta dan ma jkunx ħallas l-ammont tad-dazji fit-terminu stabbilit [indikat fl-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Doganali] [24], li jirrappreżenta l-oppost tal-eżenzjoni ġenerali mill-pagament ta' interessi mill-awtorità doganali skont l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali [25].

52. F'dan il-kuntest, l-eżenzjoni mill-pagament ta' interessi hija reċiproka (amministrazzjoni u operaturi ekonomiċi) u hija ġġustifikata fid-dawl taċ-ċirkustanzi *normali* ta' applikazzjoni tal-elementi meħtieġa sabiex jitħallas id-dejn doganali, taħt il-premessa impliċita li ma jiġix ikkontestat il-qafas regolatorju li jirregolahom, iżda biss il-kalkolu, jew ċerti ċirkustanzi uniċi, ta' dawn l-elementi jew tal-ħlas imwettaq [26].

53. Regola intiża għal dawn l-ipoteżi ma tistax tiġi applikata, sempliċement, għal oħrajn li bilkemm għandhom x'jaqsmu mar-rapidità tal-isdoganament jew mal-parametri speċifiċi għal kull ħlas iżda pjuttost mal-invalidità tar-regolament li jistabbilixxi d-dazji antidumping. F'dan l-aħħar każ, fil-fehma tiegħi, id-dritt għar-rimbors, kemm tal-ammont miġbur indebitament kif ukoll tal-interessi fuqu,

23 — Din il-premessa, li ser nuri bil-korsiv il-frażijiet imħassra tagħha, kienet tipprovdi, "[...] b'kunsiderazzjoni tal-iżvilupp kostanti tat-traffiku kummerċjali u l-ħtieġa li l-merkanzija tiġi rilaxxata mill-iktar fis possibbli, il-metodi ta' kontroll tas-servizz doganali ġew adattati b'tali mod li dan is-servizz jiċċekkja biss il-merkanzija qabel ma tiġi rilaxxata f'numru limitat ħafna ta' każijiet; li l-kontroll tar-regolarità tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet huwa għalhekk ittardjat u f'ħafna każijiet jikkonsisti f'kontroll ta' kontabbiltà li jista' jwassal għal ġbir *a posteriori* ta' ammont ta' dazji addizzjonali; *li l-persuna obbligata għall-ħlas ta' dan l-ammont ma għandhiex tħallas l-eventwali konsegwenzi ta' dawn il-metodi ta' kontroll tal-awtorità doganali u li tali akkwist a posteriori ma għandux iwassal għall-ħlas ta' interessi lill-awtorità doganali*; li dan il-kontroll *a posteriori* jista' wkoll jirriżulta fil-ħlas lura ta' ammonti ta' dazji rċevuti b'mod eċċessiv; li l-ammont tad-dazji kkunsidrati żejda ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-elementi ta' tassazzjoni ddikjarati mill-individwu kkonċernat u li dan seta' juża l-merkanzija b'iktar veloċità milli kieku kienet ġiet ivverifikata qabel ir-rilaxx; *li tali ħlas lura għalhekk ma għandux jirriżulta fil-ħlas ta' interessi mill-awtorità doganali*".

24 — Fis-sentenza tal-31 ta' Marzu 2011, Aurubis Balgaria (C-546/09, EU:C:2011:199), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "l-Artikolu 232(1)(b) tal-Kodiċi Doganali [Komunitarju] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-interessi moratorji relatati mal-ammont tad-dazji doganali li jkunu għadhom iridu jiġu rkuprati jistgħu jinġabru, skont din id-dispożizzjoni, biss għall-perijodu sussegwenti għall-iskadenza tat-terminu għall-ħlas ta' dan l-ammont".

25 — L-istess bilanċ ġie inkorporat fil-Kodiċi Doganali l-ġdid [Regolament Nru 952/2013, l-Artikoli 114 (li jirregola l-interessi fuq id-dejn doganali) u 116, paragrafu 6 (li jirrigwarda l-interessi fil-każ ta' rimbors jew maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni)].

26 — Waqt is-seduta, il-Kummissjoni tat l-eżempju tal-iżbalji fil-klassifikazzjoni doganali tal-merkanzija, fil-kwantitajiet sdoganati jew fir-rati tad-dazji doganali mħallsa.

jirriżulta direttament mid-dikjarazzjoni ta' invalidità tar-regolament li stabbilixxa d-dazji antidumping. Dawn tal-aħħar jibqgħu mċaħħda mill-bażi legali tagħhom, b'tali mod li l-obbligi imposti minnhom isiru mingħajr "kawża" leġittima u l-ammonti mħallsa taħt tali kunċett għandhom jiġu rrimborsati lil dawk li ħallsuhom.

54. Qabel inkompli, inqis li għandi nagħmel riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rimbors tal-ammonti li l-amministrazzjonijiet nazzjonali (inklużi dawk doganali) ġabru indebitament, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni. Fit-tmiem ta' din ir-reviżjoni, ser nipproponi li l-qorti tar-rinviju tingħata risposta fformulata f'termini li jkunu utli għad-deċiżjoni finali tagħha [27].

55. Fis-sentenzi Metallgesellschaft *et* u Test Claimant in the FII Group Litigation [28] ġew indirizzati l-kwistjonijiet tar-rimbors ta' taxxi mħallsa indebitament, tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali u tal-pagament ta' interessi, bħala azzjoni aċċessorja [29]. B'mod konkret, fit-tieni waħda ġie ddikjarat li, "meta Stat Membru jiġbor taxxi bi ksur tar-regoli tad-dritt Komunitarju, l-individwi għandhom dritt għar-rimbors mhux biss tat-taxxa miġbura indebitament iżda wkoll ta' l-ammonti mħallsa lil dan l-Istat jew miżmuma minnu b'relazzjoni diretta ma' din it-taxxa. [...] [D]an jinkludi wkoll it-telf ikkostitwit mill-indisponibbiltà ta' ammonti ta' flus wara l-ġbir prematur tat-taxxa" [30]. Il-kumpens għan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ammonti ta' flus, għalhekk, jikkostitwixxi obbligu aċċessorju għall-ħlas lura tas-somma prinċipali.

56. Is-sentenza Littlewoods Retail *et* [31] , li ngħatat f'każ ta' ħlas lura lill-persuna taxxabbli ta' taxxa (VAT) mħallsa żejda minħabba nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni, tieħu mill-ġdid il-ġurisprudenza preċedenti dwar id-dritt li jinkiseb ir-rimbors kemm tat-taxxa indebitament miġbura, kif ukoll tat-telf imġarrab minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ammonti ta' flus. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li "[m]inn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-prinċipju ta' obbligu tal-Istati Membri li jħallsu lura bl-interessi l-ammonti tat-taxxa mħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn dan id-dritt" [32].

57. Is-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et* [33], mogħtija fi proċedura preliminari dwar validità, iddikjarat in-nullità tar-Regolament Nru 1193/2009 [34], sa fejn il-metodu ta' kalkolu użat kien imur kontra r-Regolament bażiku tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001, tad-19 ta' Ġunju 2001, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 33, p. 17). Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-imposti fuq il-produzzjoni taz-zokkor imħallsa indebitament kellhom jiġu rrimborsati u, filwaqt li tenniet ġurisprudenza preċedenti tagħha, iddikjarat li "il-partijiet f'kawża li għandhom dritt għar-rimbors ta' somom imħallsa indebitament [...] iffissati permezz ta' regolament invalidu għandhom ukoll id-dritt għall-ħlas tal-interessi marbuta miegħu" [35].

27 — Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha "tislet, mill-elementi kollha li tkun ipprovditilha l-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt Komunitarju – li jeħtieġu interpretazzjoni jew, fejn xieraq, evalwazzjoni tal-validità – fid-dawl tas-suġġett tal-kawża" [sentenza tad-29 ta' Novembru 1978, Redmond (83/78, EU:C:1978:214, punt 26)].

28 — Sentenzi tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et* (C-397/98 u C-410/98, EU:C:2001:134); u tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimant in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774). Dawn iż-żewġ sentenzi kienu jirrigwardaw l-eventwali ksur tal-libertajiet ta' stabbiliment u tal-moviment ta' kapital, minħabba t-trattament fiskali differenti ta' tqassim ta' dividendi bejn il-kumpanniji prinċipali u s-sussidjarji tagħhom, skont jekk dawn kinux residenti jew le.

29 — Il-kawża li tat lok għas-sentenza tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et* (C-397/98 u C-410/98, EU:C:2001:134) għandha l-karatteristika li l-obbligu ta' pagament ta' interessi ma kienx anċillari, iżda kien is-suġġett innifsu tat-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

30 — Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimant in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774, punt 205).

31 — Sentenza tad-19 ta' Lulju 2012 (C-591/10, EU:C:2012:478).

32 — *Ibidem*, punt 26.

33 — Sentenza tas-27 ta' Settembru 2012 (C-113/10, C-147/10 u C-234/10, EU:C:2012:591).

34 — Li jiffissa l-ammonti tal-imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tal-bejgħ 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005, 2005/2006 (ĠU 2009, L 321, p. 1).

35 — Punt 3 tad-dispożittiv.

58. Fl-aħħar nett, fis-sentenza Irimie[36], il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Artikolu 110 TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi taxxa fuq it-tniġġis fil-każ tal-importazzjoni ta' karozza minn Stat Membru ieħor, u mbagħad iddikjarat ruħha fl-istess linja bħas-sentenzi preċedenti[37]. Wara li ċċitat il-punt 205 tas-sentenza Test Claimant in the FII Group Litigation[38], hija kkonfermat li "l-prinċipju ta' obbligu tal-Istati Membri li jħallsu lura bl-interessi l-ammonti tat-taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn dan id-dritt"[39].

59. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, ipproklamat prinċipju tad-dritt tal-Unjoni skont liema r-rimbors tal-ammonti mħallsa indebitament, minħabba regoli li jmorru kontra l-imsemmi dritt, ma jkoprix biss l-ammonti miġbura indebitament, iżda wkoll l-interessi fuqhom minn meta jkun sar l-imsemmi ġbir. Fis-sentenzi msemmija hawn fuq jeżisti element komuni, jiġifieri, l-eżistenza ta' obbligu ta' pagament li jirriżulta minn regola, nazzjonali (is-sentenza Irimie)[40] jew tal-Unjoni (is-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*)[41], li iktar tard ġiet iddikjarata mhux applikabbli jew nulla minħabba li kisret id-dritt tal-Unjoni.

60. Minn din il-perspettiva, kemm ir-rimbors tal-ammont prinċipali kif ukoll il-pagament ta' interessi, mingħajr distinzjoni bejn wieħed u l-ieħor, jobdu l-prevalenza tad-dritt tal-Unjoni, li (ħlief f'każijiet eċċezzjonali u mingħajr preġudizzju għal ċerti termini) ma tippermettix li jinżammu intatti l-effetti tar-regoli li jmorru kontrih, ladarba jkunu ġew iddikjarati invalidi jew mhux applikabbli permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod partikolari, fil-każ ta' atti tal-Unjoni, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, jipprovdi li, jekk rikors għal annullament jintlaqa', l-att ikkontestat għandu jiġi ddikjarat null u bla effett. Minn din il-premessa jiġi dedott, skont kif jipprovdi *a sensu contrario* t-tieni paragrafu tal-istess artikolu, li, fil-prinċipju, ma għandhomx jibqgħu jeżistu l-"effetti tal-att [...] [i]ddikjarat null".

61. F'dan l-istadju tad-dibattitu jidħol l-Artikolu 266 TFUE, li ġie invokat minn Wortmann insostenn tat-talba tagħha, sa fejn huwa jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li minnhom jirriżulta l-att annullat (f'dan il-każ, ir-Regolament Nru 1472/2006, li kien is-suġġett tas-sentenza Brosmann) jieħdu "l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma[w] ruħ[hom] mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea".

62. Skont il-Kummissjoni, Wortmann ma għandhiex *locus standi* sabiex tinvoka sentenza mogħtija fi proċedura li hija ma kinitx parti fiha, inqas u inqas għaliex, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament Nru 1472/2006 "sa fejn jikkonċerna" lill-impriżi rikorrenti. Din l-oġġezzjoni tista', fil-prinċipju, tkun ammissibbli kieku Wortmann xtaqet tidher fil-fażi tal-eżekuzzjoni tas-sentenza quddiem l-istituzzjoni Komunitarja li adottat dan ir-regolament. Għall-kuntrarju, dan ma huwiex il-każ, minħabba s-setgħa ta' din l-impriża li tinvoka, quddiem l-awtoritajiet nazzjonali, is-sentenza Brosmann, peress li Wortmann għandha rabta mill-qrib mar-Regolament Nru 1472/2006 u mal-kawża li wasslet għall-annullament tiegħu, peress li kienet importatriċi taż-żraben esportati minn Brosmann u Seasonable u suġġetti għad-dazji antidumping li hija stess kellha tħallas.

63. Preċiżament minħabba l-kwalità tagħha ta' operatur ekonomiku kkonċernat direttament, li jista' jibbenefika mill-annullament tar-Regolament Nru 1472/2006, l-awtorità doganali Ġermaniża ma kellhiex problemi tirrimborsa lil Wortmann, wara l-għoti tas-sentenza Brosmann, l-ammont tad-dazji antidumping li hija kienet irċeviet skont l-eżekuzzjoni ta' dan ir-regolament. Jekk ma aġixxietx

36 — Sentenza tat-18 ta' April 2013 (C-565/11, EU:C:2013:250).

37 — *Ibidem*, punt 28. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrepetiet li "[t]-telf jiddependi partikolarment fuq it-tul tan-nuqqas ta' disponibbiltà tas-somma mħallsa indebitament bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk, fil-prinċipju, jirriżulta fil-perijodu bejn id-data tal-ħlas indebitu tat-taxxa inkwistjoni u d-data tal-ħlas lura ta' din tal-aħħar".

38 — Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimant in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774).

39 — Sentenza Irmie tat-18 ta' April 2013 (C-565/11, EU:C:2013:250), punt 22.

40 — Sentenza tat-18 ta' April 2013 (C-565/11, EU:C:2013:250).

41 — Sentenza tas-27 ta' Settembru 2012 (C-113/10, C-147/10 u C-234/10, EU:C:2012:591).

bl-istess mod rigward l-interessi fuq dan il-ħlas żejjed, dan huwa biss minħabba l-ostakolu li, skont dik l-awtorità, kien jikkostitwixxi l-Artikolu 241 tal-Kodiċi Doganali. Madankollu, nerġa' ntenni, l-awtoritajiet doganali Ġermaniżi siltu b'mod korrett, għalkemm parzjalment, il-konsegwenzi[42] li jirriżultaw mill-annullament tar-Regolament Nru 1472/2006 meta taw ir-rimbors mitlub minn Wortmann.

64. L-Artikolu 266 TFUE, f'dan l-istess kuntest, huwa kriterju legali utli sabiex jiggwida l-atti tal-amministrazzjonijiet nazzjonali (u l-qrati tal-Istati Membri) meta l-ammonti miġbura indebitament minnhom ikunu ġejjin mill-irkupru ta' riżorsi proprji tal-Unjoni. Fost is-sentenzi analizzati, diversi (Littlewoods Retail *et*, kif ukoll Zuckerfabrik Jülich *et*)[43] irreferew preċiżament għal xi wħud minn dawn ir-riżorsi (il-VAT u l-imposti fuq iz-zokkor).

65. Il-ġestjoni tar-riżorsi proprji (li jinkludu d-dazji antidumping)[44] titwettaq taħt skema li fiha l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri huma responsabbli għall-ħlas u l-ġbir tagħhom, filwaqt li jaqsmu d-dħul mal-Unjoni. L-Istat, għalhekk, jaġixxi bħala strument tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Minħabba f'hekk, l-awtoritajiet nazzjonali huma partikolarment b'sentenza li tannulla regolament antidumping u l-obbligu tal-qorti li tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam, kif ukoll il-kriterji ta' eżekuzzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 266 TFUE huwa msaħħaħ.

66. L-att ta' applikazzjoni individwali tad-dazji antidumping, meħud mill-awtoritajiet nazzjonali, huwa biss att ta' eżekuzzjoni tar-Regolament Nru 1472/2006: jekk dan jiġi annullat inkwantu bażi legali, l-awtorità doganali għandha tieħu l-"miżuri meħtieġa" sabiex tneħħi l-effetti tal-ħlas li sar fuq il-bażi tiegħu, bil-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn dan. Dawn tal-aħħar jippreżupponu kemm ir-rimbors tad-dazji antidumping riċevuti indebitament, kif ukoll il-ħlas ta' interessi fuqhom, mill-mument li fih sar il-ħlas. Huwa biss b'dan il-mod li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kellha tkun kieku l-att ta' eżekuzzjoni tar-Regolament annullat sussegwentement ma kienx ittieħed. Barra minn hekk, peress li dan l-istabbiliment mill-ġdid seħħ wara perijodu ta' żmien twil, li matulu Wortmann ma setgħetx tuża l-ammonti mħallsa indebitament, il-ħlas tal-interessi jikkumpensa n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' din il-parti tal-proprjetà tagħha.

67. Fil-qosor, bħala riżultat tal-invalidità tar-Regolament Nru 1472/2006 jirriżulta kemm l-obbligu li jiġu rrimborsati d-dazji antidumping imħallsa minn Wortmann, kif ukoll dak li dik is-somma tiġi miżjuda bl-interessi fuqhom. Huwa biss b'dan il-mod li jiġu kkumpensati għal kollox l-effetti tal-ħlas doganali miġbur mill-awtoritajiet Ġermaniżi, filwaqt li jiġu eliminati *ex tunc* il-konsegwenzi kollha tiegħu. Din kienet id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li tat lok għas-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*[45], li magħha din il-kawża hija partikolarment analoga.

42 — Fis-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2006, P&O European Ferries (Vizcaya) u Diputación Foral de Vizcaya vs Il-Kummissjoni (C-442/03 P u C-471/03 P, EU:C:2006:356), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tal-opinjoni li sentenza li tannulla deċiżjoni tal-Kummissjoni "ikkawża[t] l-għejba retroattiva ta' [din] […] fir-rigward tal-persuni kollha. Sentenza bħal din ta' annullament b'hekk ikollha effett *erga omnes*, li tagħtiha l-awtorità assoluta tar-*res judicata*". Għalkemm iċ-ċirkustanzi ta' dik il-kawża ma humiex l-istess bħal dawk f'dan il-każ, din l-affermazzjoni hija konsistenti mal-Artikolu 264 TFUE.

43 — Sentenzi tad-19 ta' Lulju 2012, Littlewoods Retail *et* (C-591/10, EU:C:2012:478); u tas-27 ta' Settembru 2012, Zuckerfabrik Jülich *et* (C-113/10, C-147/10 u C-234/10, EU:C:2012:591).

44 — Il-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2016 (ĠU 2016, L 48, p. 1) jinkludi, fit-titolu "riżorsi proprji" (p. 36), il-Kapitolu 12 dwar "Dazji tad-dwana u dazji oħra msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom", li, flimkien mat-Tariffa Doganali Komuni, jinkludi "dazji oħrajn stabbiliti jew li għandhom jiġu stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi".

45 — Sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Zuckerfabrik Jülich *et* (C-113/10, C-147/10 u C-234/10, EU:C:2012:591).

68. Barra minn hekk, skont is-sentenza Zuckerfabrik Jülich *et*[46], dan id-"dritt tal-partijiet fil-kawża" ma huwiex marbut mal-eventwali assenza ta' azzjoni għal irkupru li biha l-Istati Membri, obbligati li jirrimborsaw l-ammont prinċipali u l-interessi fuqu, jistgħu jitolbu l-ammont lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li adottaw ir-regolament annullat[47]. Skont dan l-istess kriterju, ma narax raġuni għalfejn l-individwu, diġà ppreġudikat b'mod suffiċjenti fil-proprjetà tiegħu minħabba l-ħlas ta' dazju antidumping li sussegwentement ġie ddikjarat invalidu, għandu jirdoppja l-azzjonijiet tiegħu, u jitlob, minn naħa, lill-amministrazzjoni nazzjonali r-rimbors dirett tal-ammont prinċipali u, min-naħa l-oħra, kif tidher li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-Artikolu 340 TFUE jitlob l-interessi, taħt ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

69. Fil-fehma tiegħi, lanqas ma hemm argumenti konvinċenti sabiex jiġi stabbilit li d-*dies a quo* tal-kalkolu tal-interessi għandha tkun id-data li fiha ngħatat is-sentenza Brosmann jew, finalment, dik li fiha ntalbu legalment. F'dak li jirrigwarda din it-teżi msemmija l-aħħar, fis-sentenza Irimie[48], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-dritt tal-Unjoni "jipprekludi skema nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tillimita l-interessi mogħtija fil-każ ta' ħlas lura ta' taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni għal dawk li jiddekorru mill-jum ta' wara d-data tat-talba għall-ħlas lura ta' dik it-taxxa".

70. Ir-raġuni għal din id-dikjarazzjoni hija li, jekk tiġi aċċettata r-regola opposta, il-persuna taxxabbli tiġi mċaħħda minn kumpens xieraq għat-telf ikkawżat mill-ħlas tat-taxxa kontra d-dritt tal-Unjoni, liema telf "jiddependi [...] fuq it-tul tan-nuqqas ta' disponibbiltà tas-somma mħallsa indebitament bi ksur tad-dritt tal-Unjoni [...] fil-perijodu bejn id-data tal-ħlas indebitu tat-taxxa inkwistjoni u d-data tal-ħlas lura ta' din tal-aħħar"[49]. Fl-opinjoni tiegħi, dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jkopru wkoll, *mutatis mutandis*, l-interessi akkumulati fil-każ ta' rimbors ta' dazji doganali miġbura skont regolament antidumping li n-nuqqas ta' konformità tiegħu mad-dritt tal-Unjoni ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dawn il-każijiet, l-obbligu ta' pagament jirriżulta direttament mid-dritt tal-Unjoni stess, jiġifieri, *ipso jure*, mingħajr ma l-t-tnissil tiegħu jkun marbut mal-intimazzjoni speċifika għall-ħlas tal-interessi aċċessorji fuq l-ammont dovut prinċipali.

71. Għal raġunijiet simili lanqas ma nqis li d-*dies a quo* tal-kalkolu tal-interessi għandha tikkoinċidi, f'dan il-każ, ma' dik tal-għoti tas-sentenza Brosmann (2 ta' Frar 2012). Huwa minnu li, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Kummissjoni vs IPK International[50], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kellu jsir il-ħlas tal-interessi moratorji bħala "miżura ta' eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE"[51] u li ma kellux din

46 — Fil-punt 3, *in fine*, tad-dispożittiv ta' din is-sentenza, jintqal li "[q]orti nazzjonali ma tistax, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, tirrifjuta l-pagament ta' interessi fuq l-ammonti rċevuti minn Stat Membru abbażi ta' regolament invalidu għar-raġuni li dan l-Istat Membru ma jistax jitlob l-interessi korrispondenti mir-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea".

47 — Dan ir-rinviju preliminari ma jirrigwardax il-kwistjoni mqajma fl-osservazzjonijiet tiegħu, mill-Gvern Taljan, dwar jekk l-awtoritajiet Ġermaniżi setgħux, min-naħa tagħhom, jibdew azzjoni kontra l-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jiksbu r-rimbors tas-somma li huma kellhom iħallsu lura lil dawk li ħallsu d-dazji antidumping previsti mir-regolament iddikjarat invalidu.

48 — Sentenza tat-18 ta' April 2013 (C-565/11, EU:C:2013:250).

49 — *Ibidem*, punt 28.

50 — Sentenza tat-12 ta' Frar 2015 (C-336/13 P, EU:C:2015:83). It-tilwima qamet rigward deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira l-benefiċċju ta' ċerti għajnuniet mogħtija lil IPK, abbażi ta' liema din il-kumpannija diġà ma baqgħet tirċievi ċerti ammonti u kellha tirrimborsa l-ammonti li rċeviet flimkien mal-interessi fuqhom. Peress li d-deċiżjoni ġiet annullata, il-Kummissjoni ħallset l-ammonti dovuti u dawk imħallsa lura minn IPK flimkien ma' "interessi kumpensatorji" għall-perijodu ta' qabel id-data tal-għoti tas-sentenza ta' annullament.

51 — *Ibidem*, punt 30.

in-natura "l-għoti ta' interessi kumpensatorji [...], [li jaqa'] taħt l-applikazzjoni tat-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu 266, li jirreferi għall-Artikolu 340 TFUE [52] [...] sa fejn hija intiża li tikkumpensa b'rata fissa l-konsegwenzi tad-dewmien fil-ħlas tad-dejn u tinkoraġġixxi d-debitur sabiex jeżegwixxi, malajr kemm jista' jkun, is-sentenza ta' annullament" [53].

72. Il-qari tas-sentenza Il-Kummissjoni vs IPK International (sentenza tat-12 ta' Frar 2015, C-336/13 P, EU:C:2015:83) għandu jsir, fil-fehma tiegħi, fuq il-bażi tal-karatteristiċi uniċi ta' dik il-kawża, mingħajr ma jkun jista' jiġi dedott minnha bidla fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ċċitajt fil-punti preċedenti [54]. Għalhekk, għad hemm il-prinċipju li s-somom imħallsa indebitament lill-awtoritajiet nazzjonali (f'dan il-każ, dawk doganali) li joriġina minn regoli invalidi jew mhux applikabbli, skont id-dritt tal-Unjoni, jiġġeneraw id-dritt li l-persuna li tkun ħallset, tikseb ir-rimbors kemm tal-ammont miġbur indebitament, kif ukoll tal-interessi tiegħu minn meta sar dan il-ħlas.

73. Fir-rigward tal-bqija tal-oġġezzjonijiet imqajma kontra l-obbligu ta' rimbors estiż għall-interessi dovuti minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tas-somom miġbura, biżżejjed jiġi kkonstatat li ma ġietx ipprovata l-eżistenza ta' arrikkiment indebitu ipotetiku tal-persuna li ħallset dawn id-dazji antidumping (Wortmann), minħabba li dawn is-somom ġew mgħoddija fuq terzi. Barra minn hekk, din iċ-ċirkustanza lanqas ma ġiet invokata fir-rigward tal-ammont prinċipali dovut mill-amministrazzjoni doganali Ġermaniża, li rrimborsat lil Wortmann, mingħajr problemi, l-ammont imħallas. Inqas u inqas setgħet issir din l-oġġezzjoni minħabba rifjut tal-pagament ta' interessi li jirriżultaw, finalment, minħabba l-impossibbiltà, tal-persuna li ħallset, li tiddisponi mill-ammonti ta' flus miġbura, waqt li kienu indebitament — f'termini oġġettivi — miżmuma mill-amministrazzjoni.

## V – **Konklużjoni**

74. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Finanzgericht Düsseldorf (qorti tal-finanzi ta' Düsseldorf, fil-Ġermanja) kif ġej:

"L-obbligu tal-awtoritajiet doganali li jirrimborsaw is-somom imħallsa indebitament minn importatur, fir-rigward tad-dazji antidumping previsti minn regolament annullat mill-Qorti tal-Ġustizzja, huwa estiż għall-pagament tal-interessi relatati ma' dawn l-ammonti, li jibdew jiddekorru mid-data tal-pagament ta' dawn is-somom."

52 — *Ibidem*, punt 37.

53 — Sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Il-Kummissjoni vs IPK International (C-336/13 P, EU:C:2015:83), punt 30. Fil-punti 37 u 38 hija tagħti raġunijiet għaliex tqis li l-interessi dovuti f'din il-kawża huma moratorji u mhux kumpensatorji "Din il-kategorija ta' interessi [kumpensatorji] hija intiża, [...] li tikkumpensa l-mogħdija taż-żmien sal-evalwazzjoni ġudizzjarja tal-ammont tad-dannu, irrispettivament minn kull dewmien imputabbli lid-debitur". Din il-bażi hija iktar ċara jekk tinqara flimien mal-punt 92 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot [kawża Il-Kummissjoni vs IPK International C-336/13 P, EU:C:2014:2170)]: "[p]ermezz tal-effett *ex tunc* tal-annullament, il-Kummissjoni kienet għaldaqstant meħtieġa tħallas dejn prinċipali li kien ċert, determinat u dovut kompost minn somom li għandhom jitħallsu jew li għandhom jitħallsu lura lil IPK".

54 — Ara iktar 'il fuq, il-punti 46 *et seq.*